XGHAJRA

Minuti tal-20 laqgħa tal-Kunsill lokali Xgħajra li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 22 ta' Marzu, 2011 fis-6.00pm

**Preżenti** Il-Membri

Is-Sindku Anthony R. Valvo
Viċi Sindku Joe Azzopardi

Il-Kunsilliera Antonia Buttiġieġ
Marie Claire Decelis
Mario Buhagiar

**L-Uffiċjali:**

Aġent Segretarju Ranier Busuttil

1. Item Nru.1 Fuq l-Aġenda – Attendenza w apoloġiji – kulħadd preżenti.

2. Item Nru. 2 fuq l-Aġenda – Il-Minuti tal-laqgħa ta' qabel ġew moqrija w approvati mis-Sindku u sekondati mis-Sign. Marie Claire Decelis.

Item 3 Rigward il-Byelaw li ġiet proponuta fil-laqgħat ta' qabel rigward il-kaxxi ta' fuq il-bankini li qed isiru mill-entitajiet privati. Il-Kunsill għamel diskussjoni u ġie suġġerit li dawn ta' l-inqas jitolbu għall-permess u jħallsu fee biex jikkontribwixxu għall-inkonvenjent li ser joħolqu.

3. Item Nru.3 fuq l-Aġenda- Matters Raising – Punti li joħorġu mill-Minuti li ġew moqrija.

3.1 Il-Kunsill tkellem rigward il-perit Borg Mifsud u s-Sindku qal li għad ma kellna l-ebda risposta. Is-Segretarju Permanenti ta' l-MRRA Chris Ciantar għadu qed jistenna final proposal amended EIA u mabgħad jinfurmawna.

XGHAJRA

3.2. Rigward is-sistema l -ġdida ta' ġbir ta' skart tidher li sejra tajjeb ġmiela. Is-Sindku qal li ħafna nies qegħdin jobdu mal-ordnijiet li ngħataw mil-Kunsill permezz ta' karti li tqassmu bieb bieb. Pero' fejn għad hemm skips, dawn qegħdin ikunu mballati u probabbli qegħdin jiġu nies minbarra x-Xgħajra jarmu fihom.

3.3. Is-Sindku qal li l-Claim li l-Kunsill għandu ma' l-Insurance għada għaddejja u li bħalissa għadna nistennew l-irċevuta tad-drums li insteraq minn għand l-iscouts.

3.4. Ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv il ftehim ta' kif se tkun il-proċedura ta' użu ta' flus mill-kont bankarju li sejintużaw għal ħlas ta' xogħlijiet fuq il-proġett tal-faċilitajiet sportive u rikreattivi li qed fil-proċess ta' kostruzzjoni.

3.5. Is-Sindku tkellem fuq l-awditjar u informa lil sħabu li dan l-aħħar ġimgħat kellna l-awditjar u damu ġurnata sħieħa. Issa li jonqos qabel jgħalqu huwa il-Fixed Asset Register li għandu jippreżentah fil-ħin l-Accountant tagħna is-Sur Paul Bugeja li qal qiegħed għandu kważi lest u fadallu kemm itih lit-technician tas-Sage.

Skond il-Financial Statements jidher li l-Kunsill għamel surplus ta' €15,000 pero peress li kellna fondi nieqsa għal servizzi oħra ma stajniex nagħmlu affarijiet oħra. Apparti minnhekk il-€15,000 surplus ġejjijn mil-fondi li l-Kunsill ser jingħata mil-Water Services Corporation ta' Re-instatements tas-snin ta' qabel.

L-Awdituri dehru li kienu interessati ħafna fuq it-tenders li nħarġu fit-2010. Riedu jaraw kull dokument u kull karta relatata. Kien hemm xi queries li ċertu tenders ma kellhomx il-firem neċessarji kollha pero' kienu fuq paġni li mhux suppost ikollhom il-firem fuqhom bħal fuq il-faċċata ta' wara tal-Bid-Bond.

3.6. Is-Sindku qal li l-Ġimgħa l-oħra kellna stedina għal viżita ta' korteżija fl-impjant ta' l-STTP. Is-Sindku qal li miegħu kellu wkoll is-Sur Joe Azzopardi kif ukoll is-Sur Ranier Busuttil. Fiż-żjara stajna naraw b'għajnejna l-impjant li huwa *state of the art* kif ukoll jidher li l-irwejjaħ ser ikunu minimizzati għall-aħħar.

XGHAJRA

4. Item Nru. 4 fuq l-Aġenda – Korrispondenza

4.1 Fost il-korrispondenza li rċevejna kien hemm importanti l-aċċettazzjoni ta' skema Energy Saving u li għaliha konna mistednin nattendu għal preżentazzjoni tal-fondi. Bħala Skema il-Kunsill ser jingħata l-fondi ta' €8,000 sabiex jiġu nstallati pannelli fotovoltajiċi fuq il-binja tal-Kunsill. Ġie maqbul li nibdew naraw għandniex bżonn permessi u nibdew il-proċess tat-tender.

5. Item Nru.5 fuq l-Aġenda – Ġew approvati u ratifikati l-infeq għax-xahar ta' Frar 2011

6. Item Nru.6 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra:

6.1 Rigward il-proġett tar-recreational park il-Kunsill tkellem fuq il-playing field u kulħadd qabel li jsir ta' materjal Heavy Plastic u li jkun kollu aċċessibbli għal persuni b'diżabilta. Sar suġġeriment ukoll mis-Sindku li jkun hemm area fejn tkun bħala *climbers area.*

6.2 Is-Sindku qal li din il-Ġimgħa kien hemm talba għal Bus Stop fi Triq il-Knisja fejn il-Homer. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

6.3 Is-Sindku tkellem fuq Triq il-Fortizza tal-Grazzja u qal li issa beda x-xogħol mill-Kuntrattur tat-TM u li l-karozzi ser jiġu devjati għat- triq tal-Joe Joes u ser tkun temporanjament 2 way.

6.4 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li ngħinu lit-tfal ta' l-iskola billi nħeġġuhom imorru għal sessions sportivi fl-isports Complex tal-Cottonera. Għalhekk ngħinuhom billi l-Kunsill jissussidja t-trasport li ser jammonta għal €18 two-way, darba fil-ġimgħa. Kulħadd qabel ma din il-proposta b'vot unanimu.

XGĦAJRA

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Aġġornament:

Ma kienx hemm affarijiet oħra. L-aġġornament għal-laqgħa li jmiss ġie iffissat għat-26 t' April, 2011 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| Anthony Valvo | Ranier Busuttil |
| Sindku | A/Segretarju Eżekuttiv |

XGHAJRA